**Laqgha Numru 20/K6/2010**

**Introduzzjoni**

L-Għoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha s-27 ta' Ottubru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm ghalkemm il-laqgha bdiet fis-5.45pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Lauro Fava xi jiem ilu kien infurmah li kellu jkun imsiefer u ghalkemm kien gie mitlub sabiex jinforma lill-Kunsill bil-miktub kif stipulat bl-Att, dan ma sarx.

Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Lauro Fava ghandu jitqies bhala assenti filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-19 ta' Ottubru 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K6/2010.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Rapport Finanzjarju Lulju – Settembru 2010.**

**10. Kwotazzjoni 15, 20 u 21/2010 u Tender 03/2010.**

**11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**12. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 19/K6/2010 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2010 item 2.06, ghall-Minuti 18/K6/2010 item 2.23, ghall-Minuti 17/K6/2010 item 6.16 u ghall-korrispondenza numru **46/4817/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel artiklu u jintbaghat lill-gazzetti rigward l-inizjattiva li kien ha l-Kunsill meta wara l'iffirma l-Partnership/Friendship Agreement ma' Cetinje fil-Montenegro, kien strumentali biex laqqa' lid-delegazzjoni li gew mill-Montenegro mal-GRTU fost l-ohrajn u kien minn hawn li bdiet ir-relazzjoni li waslet ghal dan l-avveniment, is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba l-impenji tal-konferenza ta' l-ECAD kif ukoll tax-xoghol tieghu ma kellux cans li jaghmel din l-istqarrija u jispera l'issir fil-jiem li gejjien u titqassam lill-Kunsilliera qabel ma' tintbaghat ghall-istampa.

**46/5497/10/I** 06/09/2010 E-mail minghand ITS Limited jinfurmaw lill-Kunsill li hareg l-Upgrade tas-Sage u li l-Kunsill huwa ntitolat ghalih minghajr hlas l-izda jkun hemm hlas biss ghall-installazzjoni.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2010 item 2.08 u ghall-Minuti 18/K6/2010 item 6.94 fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien informa lill-Kunsill li l-ispiza hija ta' €35.00/hr + Vat, is-Sindku Joe Zammit ippropona biex dan isir halli l-Kunsill ikollu sistema dejjem ahjar ta' l-accounting.

2.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, qabel ivvota staqsa lis-Sindku Joe Zammit jekk dan huwiex bzonn ta' bilfors.

2.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li biex is-sistema tal-accounting tkun ahjar huwa ihoss li iva hemm bzonn bilfors ta' dan.

2.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien ivvota favur fuq il-parir tas - Sindku Joe Zammit li dan ix-xoghol irid isir bilfors.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2010 item 3.08 u ghall-Internal Memo 83/2010, fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li rigward is-servizz ta' l-accountant il-Kunsill kien ircieva risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u kien qal li decizjoni ghandha tittiehed fil-laqgha li jmiss, is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-ittra **46/5737/10/I** minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar l-accounts tal-Kunsill informaw lill-Kunsill li l-accounts iridu jkunu konformi ma' l-International Accounting Standards (IFRs) u l-persuna li taghmilhom trid tkun kwalifikata u professjonali, inkluz li Dipartiment talab lill-Kunsill sabiex ikompli bil-process ta' l-ghazla ta' accountant professjonali halli b'hekk il-Kunsill ikun konformi mal-htigijiet tal-accounting system u ghaldaqstant qal biex bejn it-tnejn li kienu tefghu l-kwotazzjoni l-Kunsill ghandu jaghzel l-irhas wahda u li bhalissa qeda taghti dan is-servizz lill-Kunsill.

2.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, qabel ivvota, rega' staqsa lis-Sindku Joe Zammit jekk dan huwiex bzonn ta' bilfors.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li biex is-sistema tal-accounting tkun ahjar huwa ihoss li iva hemm bzonn bilfors ta' servizz ta' accountant.

2.11. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.13. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2010 item 10.01 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li waqt il-konferenza ta' l-ECAD kellu laqgha ma' dirigenti ta' Bay Street dwar l-attivitajiet li ser jaghmlu biex ifakkru l-10 sena u xtaqu l'issir Fun Run b'risq l-Istrina u talbu li l-Fun Run tkun organizzata mill-Kunsill bl-ghajnuna ukoll ta' Pembroke Athleta – Sezzjoni Atletika u ghalhekk kien ippropona l'issir din il-girja b'ghan filantropiku u li l-Kunsill jikkoordina din l-attivita' flimkien ma' Pembroke Athleta – Sezzjoni Atletika nkuz ukoll l'issir cirkulari ghar-residenti, l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsir komunikat ma' Victor Camilleri sabiex jara jekk dan ghandux cans li jaghmel din l-inizjattiva halli filkaz, issir laqgha mad-dirigenti tal-Pembroke Athleta biex jiddiskuti l-ahjar mod kif issir din il-girja kif ukoll li ghal din il-laqgha jkun mistieden is-sur Martin Sapiano. Il-kelliem qal li din il-girja ser issir nhar il-Hadd 28 ta' Novembru filghodu.

2.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.16. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2010 item 10.08 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li tinkiteb ittra lill-Ambaxxata Taljana sabiex il-Kunsill juri l-ghadab tieghu ghan-nuqqas ta' koperazzjoni mal-membri tal-Kunsilliera meta talbu l-ghajnuna tal-kumpanija Alitalia, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lil-Kunsill li huwa kien ipprepara draft li kienet intbaghtet lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fit-12 ta' Ottubru 2010 sabiex tigi vverifikata qabel din tintbaghat l'izda sallum kien ghadu minghajr ebda twegiba.

2.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ser jikkomunika mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dwar din l-ittra halli filkaz din tintbaghat.

2.18. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2010 item 10.26 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li jigi avvicinat il-handyman tal-Kunsill sabiex jekk jaccetta, id-dettalji tieghu jinghataw lill-WSC sabiex isir ix-xoghol ghas-spejjez tal-WSC, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienet inkitbet ittra lill-WSC sabiex jigi vverifikat jekk il-WSC ghadiex lesta li jsir ix-xoghol ghas-spejjez taghha mill-handyman li jaghzel il-Kunsill.

2.19. B'riferenza ghall-Minuti 19/K6/2010 item 10.30 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li fil-15 ta' Ottubru gej il-President ta' Malta izur l-iskejjel fil-lokal li jaghmlu parti mill-Kullegg Santa Klara u permezz ta' ittra lill-Kunsill, il-Principal tal-Kullegg, kienet talbet biex isir xi patching fit-toroq ta' biswit il-main gate tal-Kullegg Sir Adrian Dingli u ghalhekk kien ippropona l'issir spezzjoni tat-toroq imsemmija u wara jigi ordnat il-patching li hemm bzonn, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara li kien sar komunikat mal-kuntrattur u fil-fatt dan gie bl-ingenji biex jaghmel il-patching, jirrizulta li minhabba li s-Sindku Joe Zammit kien indispost, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma jiftakarx fejn ezatt kellu jsir ix-xoghol tal-patching u ma kellux cans li jmur jiccekja u ghalhekk ix-xoghol ma sarx ghax il-kuntrattur kellu cans biss dak inhar li gie.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 87/2010** b'rapport tal-ftuh ta' tender 03/2010 **(Ara dokument A); Internal Memo 88/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Rain Entertainment Productions **(Ara dokument B); Internal Memo 89/2010** b'rapport ta' l-intervisti li saru ghall-ghazla ta' Librar **(Ara dokument C); Internal Memo 90/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-FTZ **(Ara**

**dokument D); Internal Memo 91/2010** b'rapport dwar numru ta' tabelli tat-traffiku fil-lokal **(Ara dokument E); Internal Memo 92/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ghall-partecipanti tal-korsijiet bil-Malti u Ingliz baziku **(Ara dokument F); Internal Memo 93/2010** b'rapport tal-ftuh tal-kwotazzjonijiet 20 u 21/2010 **(Ara dokument G; Internal Memo 94/2010** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 19/K6/2010 u 20/K6/2010 **(Ara dokument H); Internal Memo 95/2010** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 19/K6/2010 u 20/K6/2010 **(Ara dokument I); Internal Memo 97/2010** b'rapport tal-laqgha ma' Ms. Christine Camilleri mill-Ufficcju tal-President **(Ara dokument J);** Poster dwar l-inizjattiva li saret flimkien mas-Socjeta' Filarmonika Stella Maris **(Ara dokument K);** Poster dwar l-attivita' wirja ta' l-Ghasafar u l-Pappagalli **(Ara dokument L);** Flyer informattiv dwar il-gbir ta' skart riciklat **(Ara dokument M) u** Flyer informattiv dwar is-sit Natura 2000 **(Ara dokument N).**

3.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma kienetx qablet ma xi kontenut u t-tonalita' li hemm fil-flyers dwar il-gbir ta' skart riciklat u dak ta' Natura 2000 u ghalhekk talab li jinghata gwida.

3.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn ghandhom jintbaghtu kif iccirkolati ladarba kienu gew approvata mill-maggoranza tal-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona ukoll li l-iskart riciklat nhar ta' Tlieta jibda jingabar filghodu mis-7.30am il-quddiem u dan vis-a-vis il-parir ta' l-Avukat.

3.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memo 97/2010 fejn wara diskussjoni li saret il-kelliem ippropona li l-programm tal-mawra ta' l-Ecc. Tieghu l-President ta' Malta jigi approvat kif emendat wara l-laqgha li huwa u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellhom mas-Segretarjat Tieghu.

3.07. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonaw li jiffirmaw Internal memo 83/2010 dwar il-Bord ta' l-Ghazla ghall-Kwotazzjonijiet 15 u 16/2010 li giet ipprezentata fil-laqgha li ghaddiet, l'izda kienet giet iffirmat mis-Sindku Joe Zammit u mill-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien talab il-kummenti taghhom izda ma kien hemm ebda rispons.

4.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien attenda ghall-laqgha mal-persuni li ser jattendu ghall-lezzjonijiet tal-Ingliz u Malti fejn kienu prezenti ukoll iz-zewg ghalliema rispettivi. Il-kelliem informa lill-Kunsill li wara rrizulta li l-kors tal-Malti mhux ser isir minhabba nuqqas ta' konkorrenza.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-16 ta' Settembru u s-27 ta' Ottubru 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/5640/10/I** 14/09/2010 E-mail minghand Ms. Evicka Busuttil fejn informat lill-Kunsill li kellha komunikat mas-sur Mario Farrugia mill-Fondazzjoni Wirt Artna izda qallha li bhalissa huwa mpenjat hafna u ma jistax jghinhom fl-attivita' ta' tindif madwar it-Torri u nformat lill-Kunsill li hemm ukoll il-progett tal-garigue park jekk ikun hemm bzonn il-kontribut taghhom ninfurmawhom.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5640/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5642/10/I** 14/09/2010 E-mail minghand Elsa Malta fejn talab sabiex issir laqgha mas-Sindku dwar progett Education for Youths in Sports.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5642/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaccetta li ssir din il-laqgha ma' din l-organizzazzjoni u talab li flimkien mieghu ghandhom jattendu l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li huwa responsabbli miz-zghazagh u sports u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li hija responsabbli mill-edukazzjoni.

6.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5643/10/I** 14/09/2010 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email li rcieva l-Kunsill dwar il-programm gdid li ser isir fuq TVM informa lill-Kunsill li nistghu nuru l-Batterija u l-kmamar taghha ta' taht l-art.

**46/5663/10/I** 15/09/2010 E-mail minghand il-Kunsillier Lauro Fava fejn informa lill-Kunsill li jaqbel ma' l-emails li baghtu s-Sindku u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat b'riferenza ghall-programm gdid fuq TVM.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5643/10/I u 46/5663/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll li diga kienet saret risposta riferenza 46/6466/10/O.

**46/5649/10/I** 14/09/2010 E-mail minghand il-Judo Federation fejn talbu li ssir laqgha mal-Kunsill dwar l-isports tal-Judo.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5649/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5650/10/I** 14/09/2010 E-mail minghand Pembroke Athleta fejn qeghdin jitolbu lill-Kunsill konferma bil-miktub minghand l-Enemalta li se jaghmlu landscaping madwar il-parkegg, li se jtellghu l-hajt u li jikkonkludu l-proposta ta' devjazzjoni tal-main tad-dranagg.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5650/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien diga kiteb lill-Korporazzjoni Enemalta ifakkarhom f'dawn it-

talbiet liema talbiet tqajmu fil-laqgha li kienet saret ma' CEO ta' l-Enemalta fil-prezenza tieghu bhala Sindku, tal-Vici Sindku, ta' ufficjali tal-Pembroke Athleta, tal-Perit u CEO ta' l-Enemalta kif ukoll ta' l-Onorevoli Francis Zammit Dimech. Il-kelliem qal l'intant saret ukoll ittra ohra dan l-ahhar biex issir laqgha mad-dirigenti tal-Enemalta.

**46/5661/10/I** 15/09/2010 Ittra minghand Inlingua fejn b'riferenza ghall-gemellagg li l-Kunsill ghandu ma' Roccalumera talbu laqgha mal-Kunsill sabiex jintroducu s-servizzi taghhom u lesti li jassistu lill-Kunsill f'korsijiet ta' l-ingliz.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5661/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5666/10/I** 15/09/2010 Traffic Management Guidelines u t-Traffic Management Measures minghand Transport Malta.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5666/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5672/10/I** 15/09/2010 E-mail minghand l-Avukat Luciano Busuttil fejn b'riferena ghall-email li baghat il-Kunsill rigward il-kuntratt tal-gbir ta' skart talab sabiex il-Kunsill jaqra Annex 3 ta' tender li jista' jsir bdil jekk ikun hemm qbil bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5672/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5675/10/I** 15/09/2010 E-mail minghand Ms. Lucienne Bugeja fejn informat lill-Kunsill li l-Institute for Physical Education & Sports ser jorganizzaw konferenza nazzjonali dwar 'The Role of Physical Activity & Sport in Society' bejn it-12 u t-13 ta' Novembru 2010 gewwa Radisson Blu Resort San Giljan.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5675/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li min jixtieq jattendi ghal din il-konferenza ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm hlas ta' €55.00 ghal kull partecipant.

**46/5680/10/I** 15/09/2010 **46/6449/10/I** 15/10/2010 E-mail minghand Rain Entertainment Productions fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex lejlet l-ewwel tas-sena juzaw l-Ex Parade Ground ghall-kuncert tal-Wintermoods li jibda fid-9.00pm.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5680/10/I u 46/6449/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet saret laqgha ma' dawn is-sinjuri izda aktar tard dawn infurmaw lill-Kunsill li kienu hassru il-hsieb taghhom li jorganizzaw din l-attivita' f'Pembroke.

**46/5685/10/I** 19/09/2010 Invoice minghand id-Data Protection Commissioner ta' €23.29 ghall-pagament annwali ghall-Data Protection Act li tkopri Lulju 2010/Lulju 2011.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5685/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel dan il-hlas.

6.16. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar li l-Kunsill huwa obbligat li jaghmel dan il-hlas.

**46/5704/10/I** 17/09/2010 Ittra minghand il-Malta Football Association fejn irringrazzjaw lill-Kunsill ta' l-ittra t'awguri li baghat lill-President tal-Malta Football Association, is-Sur Norman Darmanin Demajo.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5704/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir stedina lill-President tal-MFA sabiex jaghmel zjara ta' kortezija lill-Kunsill ta' Pembroke kif ukoll jigu mistiedna ufficjali tal-klabbs tal-futbol li hawn f'Pembroke.

6.20. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5708/10/I** 17/09/2010 Ittra minghand Bergen fejn qed jistaqsu lill-Kunsill jekk iridx li jigi ffirmat il-ftehim ta' hbiberija maghhom u qed jissugerixxu li dan isir f'Gunju 2011 waqt il-kommemorazzjoni ta' Anne Frank.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5708/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bhalissa l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tad-Dipartiment rigward it-talba tal-Kunsill sabiex isir Gemellagg ma' Anning fic-Cina u ghalhekk ippropona biex din it-talba ghalissa tibqa' pendenti biex ma jkunx hemm hafna.

6.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5761/10/I** 20/09/2010 E-mail minghand l-Avvukat Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-fotokopji fil-librerija ssugerixxa lill-Kunsill li jkun ahjar li jkun hemm limitu ta' kemm wiehed jista' jaghmel kopji.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5761/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta li kull persuna jinghata l-fakulta' li ma jaghmilx aktar minn hames kopji.

6.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5783/10//I** 22/09/2010 E-mail mill-Malta Federation of Organisations Persons with Disability fejn informaw lill-Kunsill b'seminar li ser isir bejn it-12 u t-13 ta' Novembru 2010 gewwa George Urban Boutique Hotel Paceville dwar 'Education 16+ Employment & Independent Living'.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5783/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5812/10/I** 22/09/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu kopja ta' l-email li rcievew minghand Nature Trust dwar mixjiet edukattivi li qed jorganizzaw ghall-istudenti 2010-2011.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5812/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5825/10/I** 23/06/2010 Memo 125/2010 - Kodici ta' prattici tajba ghall-produzzjoni ta' Films fil-lokalitajiet.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5825/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5830/10/I** 23/06/2010 E-mail mill-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill li accettaw li jigu nstallata 2 lampi fi Pjazza Nazju Falzon.

6.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5830/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-lampi jigu nstallata jekk jippermettu l-fondi allokati.

6.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5832/10/I** 23/09/2010 E-mail mill-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill li accettaw li jigu nstallata 2 lampi fuq pole fi Trejqet Adeodata Pisani.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5832/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-lampi jigu nstallata jekk jippermettu l-fondi allokati.

6.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5833/10/I** 23/09/2010 E-mail mill-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill li accettaw li jigu nstallata 2 lampi fuq pole fi Triq il-Kurunell Cocks.

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5833/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-lampi jigu nstallata jekk jippermettu l-fondi allokati. Il-kelliem qal li din it-triq ghandha tkun l-ewwel prijorita' ghall-Kunsill ghax ir-residenti ilhom hafna jistennew.

6.38. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5834/10/I** 23/09/2010 E-mail mill-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill li accettaw li jigu nstallata 3 lampi fuq pole fil-passsagg pedonali li hemm bejn Triq Sant'Andrija u l-Ex Parade Ground.

6.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5834/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-lampi jigu nstallata jekk jippermettu l-fondi allokati. Il-kelliem qal li din it-triq ghandha tkun it-tieni prijorita' ghall-Kunsill minhabba l-fastidji li jkun hemm kif ukoll minhabba sigurta' ghan-nies.

6.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5849/10/I** 24/09/2010 E-mail mill-Kummissarjat ta' l-Organizzazzjonijiet Volontarji fejn talbu sabiex il-Kunsill jinfurmhom bl-organizzazzjonijiet volontarja li jinsabu fil-lokal.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5849/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

6.44. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill m'ghandux l-informazzjoni kollha mitluba u ghalhekk ikun ghaqli jekk il-formularju jintbaghat lill-ghaqdiet u jkunu huma li jibghatuh lill-Kummissarjat b'kopja lill-Kunsill.

6.45. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5870/10/O** 27/09/2010 Ittra li l-Kunsill baghat lill-Inspire Foundation fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtu l-Kunsill infurmhom illi ma jistax jipprovdi hlas ghat-trasport minhabba li bl-emendi l-godda fil-ligi tal-Kunsill ma jippermettix li jsiru donazzjonijiet taht kwalunkwe forma.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5870/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Fondazzjoni Inspire gew infurmata li bl-emendi tal-ligi li saru t-talba taghhom ma tistax tigi milqugha.

**46/5880/10/O** 27/09/2010 Ittra li l-Kunsill baghat lill-National Immunisation Service bil-lista tal-persuni li jixtiequ jiehdu l-vaccin ta' l-influwenza 2010.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5880/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5885/10/I** 27/09/2010 Ittra minghand The Limestone Heritage fejn informaw lill-Kunsill bil-cultural tours ghas-sena 2010/2011.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5885/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5892/10/I** 27/09/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghal Memo 52/2010 u Memo 93/2010 dwar skema ta' ghajnuna finanzjarja ghall-korsijiet lifelong learning informat lill-Kunsill li l-bord accetta li jsiru korsijiet tal-malti u l-ingliz u talbet ninfurmawhom bil-post li ser jintuza.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5892/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li d-Dipartiment gie nfurmat li l-korsijiet ser isiru fil-Kunsill.

**46/5941/10/I** 28/09/2010 Ittra minghand is-Sur Alfio Ellul fejn qed jitlob sabiex isiru 2 shades mal-lampi li hemm mad-dar tal-Familja Salafia u mad-dar tal-Familja Cassar fi Triq Patri Indri Vella.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5941/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsill biex izomm f'mohhu u jikkonsidra li dan id-dawl idawwal it-triq u l-kantuniera u bit-talba tas-sinjur ser jitnaqqas id-dawl bi zvantagg ghan-nies li juzaw it-triq u jitnaqqas il-wens.

6.53. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li t-talba tas-sinjur m'ghandiex tigi milqugha.

6.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5947/10/I** 28/09/2010 E-mail minghand Ms. Annalise Bonello fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar parkegg illegali fil-garaxxijiet vojta u fil-komun staqsiet jekk il-Kunsill irceviex xi haga minghand l-Awtorita' tad-Djar u jekk ittehditx azzjoni u qalet ukoll illi fil-Pjazza l-Beatu Nazju Falzon qed jipparkjaw vetturi kbar.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5947/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jistaqsi lill-Pulizija x'policy legali hemm fejn jirrigwardja ipparkjar barra ta' vetturi kbar bhal trakkijiet, cranes on wheels u coaches.

6.57. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill diga kellu din l-informazzjoni li kienet ipprovdiet l-ex Supretendet Sharon Tanti lura f'Mejju 2009 – 46/2383/10/I. **(Ara dokument O)**

6.58. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Pulizija sabiex jittiehdu l-passi necessarja.

6.59. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5950/10/I** 28/09/2010 E-mail minghand r-Regjun tat-Tramuntana fejn talbu lill-Kunsill sabiex jaghtu ndikazzjoni tas-sieghat ghas-servizz tal-Gwadjani lokali sabiex jigu nkluzi fit-tender ghas-Servizz tal-Gwardjani lokali u nforma l-Kunsill li se jinghataw is-sieghat li qed jinhadmu bhalissa.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5950/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-punt kien tqajjem minnu u mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fil-laqgha tar-Regjun li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Ottubru fejn qal li fil-fatt ser ikollhom ukoll jipprezentawlhom il-fixtures tal-loghob tal-futbol li jsir fil-grawnd tal-Luxol.

6.62. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lill-MFA sabiex il-Kunsill jinghata kopja tal-fixtures ufficjali tal-loghob tal-futbol kollu li ser isiru fil-ground tal-Luxol.

6.63. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5952/10/I** 28/09/2010 E-mail minghand Popeye's Village fejn informaw lill-Kunsill bil-coffee mornings li nistghu norganizzaw.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5952/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5957/10/I** 28/09/2010 E-mail minghand is-Sindku ta' Marsaskala fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-organizzazzjoni tal-konferenza ta' l-ECAD u nforma lill-Kunsill li huwa Vici President ta' grupp bl-isem Douzelage Town twinning (24 rahal/bliet minn pajjizi ewropej) u fil-laqgha annwali generali li ser issir f'Mejju 2011 ser jintroducu l-ECAD sabiex jidhlu membri.

**46/5958/10/I** 28/09/2010 Kopja ta' e-mail li Douzelage European Town Twinning baghtu lis-Sindku ta' Marsaskala dwar is-shubija tal-grupp fl-ECAD.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5957/10/I u 46/5958/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5966/10/I** 29/09/2010 E-mail minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn baghat in-nota li ser tigi printjata sabiex jitwahhlu ma' l-iskips u talab sabiex il-Kunsill jiccekja n-nota sabiex ikunu jistghu jipprintjaw l-istickers.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5966/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-punt gie ezawrit fl-ahhar laqgha tal-LES u bhalissa jinsabu ghall-printing.

**46/5967/10/I** 29/09/2010 E-mail minghand Ms. Sarah B. Kissaun fejn informat lill-Kunsill li hija studenta ta' 6th form u qed taghmel progett ta' System of Knowledge u qed tistaqsi jekk il-Kunsill ghandux bzonn jaghmel survey dwar l-immanigjar ta'

l-iskart fil-lokal jew inkella xi tip ta' attivita' ohra li tista' taghmel hija volontarjament.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5967/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel laqgha ma' din il-persuna halli l-Kunsill jara x'tixtieq ghax filkaz bhala Kunsill jaghmel sens jekk isir dan is-survey.

6.69. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5969/10/I** 29/09/2010 E-mail minghand l-MCA fejn b'riferenza ghall-komunikat li sar mieghu baghat sales order ta' €49.56 ghal konnessjoni tas-servizz tal-Wi-fi.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5969/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l'issir din in-nefqa halli jkun jista' jsir ix-xoghol fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

6.72. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5971/10/I** 29/09/2010 E-mail minghand is-Sinjur Lino Bartolo fejn baghat kopja t'ittra li baghat lill-Transport Malta, l-Perit Susanna Bonello, dwar il-linji ta' parkegg li saru fi Triq Mons Alfredo Mifsud fejn qed jilmentaw li ma sarux skond kif stipulat fil-ligi ghax ma hemmx bizzejjed spazju bejn iz-zewg garaxxijiet ghall-kaxxa ta' karozza.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5971/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu jistenna l-kummenti ta' Transport Malta fuq dan.

**46/5979/10/I** 29/09/2010 E-mail minghand is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn baghat artiklu li deher fuq di-ve miktub mis-sinjura Vanessa Macdonald dwar il-progett tal-park & ride f'Pembroke fejn ser jiswa l'fuq minn miljun ewro.

**46/5980/10/I** 29/09/2010 Tender ghal kostruzzjoni tal-progett tal-Park & Ride f'Pembroke li ghalaq nhar it-Tlieta 28 ta' Settembru fl-10.00am.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5979/10/I u 46/5980/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex ifittex ftit fir-records tal-Kunsill jew memos tal-laqghat li kienu saru fuq dan il-punt specjalment fl-ahhar laqgha mas-Sur Selvaggi biex il-Kunsill jara x'kien intalab ghall-beneficcju tar-residenti kif ukoll ippropona li tintalab laqgha ma' TM.

6.76. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5991/10/I** 30/09/2010 E-mail minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn baghtu l-Minuti tal-laqgha ta' LES numru 9/10 li saret nhar l-Erbgha 15 ta' Settembru 2010.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5991/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6001/10/I** 30/09/2010 E-mail minghand il-GreenPak fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill informa lill-Kunsill li jaqbel bil-bdil tal-hin tal-gbir ta' skart riciklat u talab navzawh min se jinforma l-kuntrattur.

6.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6001/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6009/10/I** 01/10/2010 Ittra minghand l-EACEA fejn b'riferenza ghall-applikazzjoni tal-Kunsill Europe for Citizens Programme - Town Twinning Citizens Meetings informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni giet maghzula u baghtu kopja tar-regoli ingenerali sabiex ninghataw il-fondi.

**46/6153/10/I** 06/10/2010 Ittra minghand Roccalumera fejn qed jitolbu aktar informazzjoni minghand il-Kunsill dwar il-lukandi fejn ser joqghodu l-grupp li gej permezz tal-programm li hadna mill-EU tal-gemellagg.

6.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6009/10/I u 46/6153/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li kien ser jitlob b'mob partikulari lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex jibdew il-preparamenti mehtiega ghal din l-attivita'.

6.81. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li Roccalumera ma kienux ikkomunikaw xejn lura dwar it-talba tal-Kunsill sabiex jissottomettu lista tal-partecipanti. Dwar il-programm il-kelliem talab lill-Kunsill li dan ghandu jigi konkluz kemm jista' jkun malajr sabiex ikun jista' jintbaghat ukoll lil Roccalumera sabiex huma jkunu jafu l-ispejjez involuti.

6.82. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintbaghat reminder lil Roccalumera.

6.83. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6014/10/I** 01/10/2010 E-mail minghand l-Avvukat Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-kont ta' l-Alternative Technologies informa lill-Kunsill li jekk fit-tender l-ammont kien diga bil-VAT ma jistax jerga' jiccargja l-VAT fuq l-ammont li diga ghandu l-VAT.

6.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6014/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lid-dirigenti ta' Alternative Technolgies b'dan.

6.86. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5759/10/I** 20/09/2010 E-mail minghand l-Avvukat Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-artiklu li deher fuq il-gazzetta l-Mument qed jistaqsi kif il-Kunsill ma kellux id-dicenza li jinfurmah ufficjalment u xtaq ikun jaf liema xoghol baqa' lura.

**46/6015/10/I** 01/10/2010 E-mail minghand l-Avvukat Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar default notice, informa lill-Kunsill li fil-kuntratt ta' servizz li l-Kunsill ghandu mieghu ma hemm l-ebda terminu ta' zmien li fih trid tinghata risposta jew li tista' tinhareg default notice u fuq dan il-punt talab biex tkun irtirata id-default notice. Qal li dejjem ta' l-opinjoni tieghu u twegibiet fiz-zmien opportun.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5759/10/I u 46/6015/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.89. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li xi tip ta' risposta ghal din l-ittra ghandha ssir fid-dawl tal-mistoqsijiet li qed jaghmel l-Avukat inkluz ukoll li sar jaf bid-decizjoni tal-Kunsill qabel ircieva l-ittra minghand il-Kunsill.

6.90. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma jarax ghala l-Kunsill kien hareg default notice lill-Avukat meta qatt ma kien hemm ftehim ma’ l-Avukat dwar termini ta’ zmien u ghalhekk ippropona li d-Default Notice ghandu jigi rtirat.

6.91. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.92. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li biex tinbidel decizjoni tal-Kunsill irid ikun ghadda sitt xhur jew issir rizoluzzjoni specjali bil-miktub.

6.93. Is-Sindku Joe Zammit qal li din ir-rizoluzzjoni ser titressaq fil-laqgha li jmiss u ddikjara li huwa ser ikun qed jivvota favur il-proposta tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli minhabba li meta huwa vvota favur li tinhareg Default Notice huwa ma kienx konxju li s-servizz moghti mill-Avukat mhux marbut bi zmien.

**46/6017/10/I** 01/10/2010 E-mail minghand l-Avvukat Luciano Busuttil fejn informa lill-Kunsill li l-uniku recording permess huwa dak mill-Kunsill sabiex jiffacilita' lis-Segretarju jifformula l-minuti u jista' jkun distrutt wara l-approvazzjoni tal-minuti.

**46/6050/10/I** 01/10/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar irrekordjar tal-laqghat tal-Kunsill talbu sabiex il-Kunsill jaderixxi ma' l-Art 14A (9) u qed jikkoregu zball fl-email li baghtu tat-13 ta' Settembru 2010.

6.94. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6017/10/I u 46/6050/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Avukat kien ikkonferma dak li kien qal id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**46/6022/10/I** 01/10/2010 E-mail mill-WSC fejn baghat lista ta' trenching works li saru fl-lokal bejn Jannar u Awwissu 2010 li jammontaw ghal €1,250 kif ukoll €200 ghax-xahar ta' Settembru.

6.95. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6022/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.96. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill li huwa mportanti li t-tiswijiet li qed issir riferenza ghalihom mill-WSC isiru permezz ta’ Hot Tarmak kif suppost skond l-ispecifikazzjonijiet ta’ TM halli wara li jigu approvati mill-Perit tal-Kunsill u jsir il-hlas lill-kuntrattur, il-Kunsill ikun jista’ jitlob il-hlas lura minghand il-WSC.

6.97. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsiru dawn it-tiswijiet minn Ell’s Urban Services.

6.98. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6026/10/I** 01/10/2010 E-mail minghand l-ETC fejn informa lill-Kunsill li l-partecipazzjoni tal-Kunsill fl-iskema xoghol fil-komunita' tas-Sur Christopher Costa giet estiza ghal sitt xhur ohra b'sehh minn nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2010.

6.100. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6026/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta li jsir dan it-tigdid ghas-sitt xhur li gejja.

6.101. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.102. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6028/10/I** 01/10/2010 E-mail minghand is-Sur Jorgen Sviden mill-ECAD fejn irringrazzja lill-Kunsill ta' l-organizzazzjoni tal-konferenza ta' l-ECAD li saret Ghawdex u nforma l-Kunsill li ser jibghat x’informazzjoni fuq il-ftehim li ghandhom l-ECAD ma' local/regional offices biex ikun diskuss bil-possibilita’ li jsir

wiehed f’Malta ghar-regjun tal-Mediterran.

6.103. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6028/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan l-item ghandu jitqajjem ma’ l-AKL biex flimkien ma’ Pembroke dan isehh. Il-kelliem qal li l-Kunsill ta’ Pembroke ghandu jzomm ic-chairmanship ta’ dan l-ufficju flimkien ma’ l-AKL, dejjem jekk ikun hemm qbil. Il-kelliem qal li aktar dettalji fuq dan is-suggett ser jinghataw aktar il-quddiem.

6.104. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa mportanti li qabel tittiehed decizjoni fuq dan is-suggett ikun hemm linji cari dwar il-finanzjament, l-immanigjar u r-rizorsi umani li ser ikun hemm involuta biex dan l-ufficcju regjonali jkun jista’ jiffunzjona.

6.105. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill Lokali Pembroke m’huwa ser johrog ebda flus.

6.106. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku.

6.107. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6038/10/I** 01/10/2010 E-mail rigward il-Programm MED Strategy fejn qed jistaqsu jekk id-dati tal-laqgha li jmiss tal-MedStrategy humiex tajba sabiex jibdew ifittxu flights ghal Malta u staqsiet dwar il-lukanda, kif ser jaghmlu jekk hux jibbukja l-Kunsill jew huma direttament.

**46/6068/10/I** 04/10/2010 E-mail minghand is-Sur Jesmond Xuereb mill-FTZ fejn b'riferenza ghall-email li baghtu mill-progett MedStrategy informa lill-Kunsill li huwa qed jissugerixxi li bhala lukanda juzaw l-Corinthia (Marina / San Gorg) minhabba li gieli hadmu maghhom u joffrulhom dak kollu li jkollhom bzonn u jekk irid il-Kunsill jitolbu kwotazzjoni.

**46/6497/10/I** 19/10/2010 E-mail mill-Lukanda Radisson bi kwotazzjonijiet ta’ prezzijiet ghaz-zewg Konferenzi tal-Kunsill f’Dicembru.

**46/6525/10/I** 20/10/2010 E-mail minghand Corinthia San Gorg fejn baghtu l-proposti taghhom ghall-akkomodazzjoni ghaz-zewg programmi li ser isiru f'Dicembru 2010.

6.108. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6038/10/I, 46/6497/10/I, 46/6525/10/I u 46/6068/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienu zaru l-Corinthia San Gorg u l-SAS Radisson fejn gabru xi kwotazzjonijiet ghal dawn id-delegati. Fid-dawl tal-kwotazzjonijiet migbura, il-kelliem ippropona li tintaghzel l-offerta ta’ l-SAS Radisson ghall-lukanda ghall-akkomodazzjoni ghax hija l-aktar wahda vantagguza apparti l-fatt li l-ispejjez kollha ser jinhargu mill-partecipanti u mhux mill-Kunsill.

6.109. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.110. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.111. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-prezzijiet ta’ l-ikla huma aktar gholja milli jippermetti direct order u ghalhekk fl-eventwalita’ li l-Kunsill ser jaghmel din l-attivita’, ikun hemm il-htiega li jingabru aktar kwotazzjonijiet.

**46/6047/10/I** 01/10/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu reminder ghal Memo 119/2010 - dwar il-'Green Challenge and Community Involvement Awards'.

6.112. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6047/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6057/10/I** Ittra minghand G.M Productions fejn informaw lill-Kunsill li Miss Faye Marie

04/10/2010 Gauci Grech li toqghod 18, Silvercrest, Triq F. X Caruana ser tiehu sehem f'Miss Malta 2010 u ser tkun qed tirraprezenta lill-lokal ta' Pembroke u talbu lill-Kunsill jisponsorja l-award li tiswa €66.

6.113. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6057/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment dwar jekk dan jistax isir.

6.114. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.115. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6058/10/I** 04/10/2010 E-mail minghand Dr. Joseph Brincat fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill informa lill-Kunsil li ser inehhi l-cones u l-katina taht protesta minhabba li dawk saru biex jipprotegi l-interessi taghhom u ma jipparkjawx quddiem il-garaxx minhabba li huma tobba u xi drabi jkollhom johorgu urgenti.

6.116. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6058/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lis-sinjur li jekk irid dan jista' jiehu parir ahjar minghand Transport Malta tal-bzonnijiet tieghu.

6.117. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.118. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6062/10/I** 04/10/2010 E-mail minghand il-KNDP fejn b'riferenza ghall-applikazzjoni tal-Kunsill PA841/10 ghall-bini ta' sala ghall-uzu tal-pubbliku nformaw lill-Kunsill li ghandhom bzonn ta' aktar informazzjoni fuq il-facilitajiet sanitarji.

**46/6137/10/I** 06/10/2010 Ittra mill-MEPA fejn b'riferenza ghall-applikazzjoni tal-Kunsill PA841/10 ghall-kostruzzjoni ta' sala ghall-pubbliku nformaw lill-Kunsill li KNPD ghandhom bzonn aktar informazzjoni u talbu sabiex fi zmien 30 gurnata ohra mid-data ta' l-ittra nibghatu l-informazzjoni mehtiega.

6.119. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6062/10/I u 46/6137/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab li din l-ittra ghandha tintbaghat lill-Perit Kevin Fsadni.

6.120. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li dan kien diga sar lura fl-4 ta' Ottubru 2010.

**46/6073/10/I** 04/10/2010 E-mail minghand il-Malta Contemporary Art Foundation fejn informa lill-Kunsill li gie mqabbad mill-Ambaxxata Amerikana biex jaghmel arti ghall-ambaxxata l-gdida u staqsa jekk jistax jiehu t-tabella tal-konkos bl-isem ta' Triq Martin Luther King li hemm mitluqa fejn t-tabella ta' direzzjoni tal-BMX.

6.121. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6073/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex immedjatament ghandha tigi rrangata din it-tabella li hija bl-isem tat-triq kif ukoll biex jekk iridu tal-Ambaxxata, issir wahda mill-Kuntrattur tal-Kunsill ghall-prezz ta' € 216.00.

6.122. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.123. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6080/10/I** 04/10/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghaz-zjara tal-President fil-lokal informaw lill-Kunsill li qed jawtorizzaw lill-Kunsill sabiex jaghmel riceviment basta l-ispiza tinzamm baxxa kemm jista' jkun.

6.124. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6080/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jintalab il-permess tal-Knisja sabiex l-attivita' ta' l-Erbgha 24 ta' Novembru ssir fis-sala tal-Knisja u tal-Hadd 28 ta' Novembru ssir fil-foyer ta'

quddiem il-Knisja. Il-kelliem ippropona ukoll li jkun servut te', kafe' u pastizzi, liema affarijiet jinxtraw mill-bar tal-Knisja.

6.125. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu l-ewwel jistaqsi lill-Kappillan dwar kemm ser ikun il-hlas ta' l-uzu tas-sala.

6.126. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.127. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien talab stima tan-nefqa li ser issir u ghalhekk talab direzzjoni minghand il-Kunsill. Il-kelliem irrakkomanda ukoll li bhala token l-Ecc. Tieghu jigi pprezentat bil-ktieb li ppubblika l-Kunsill dwar il-lokal.

**46/6134/10/I** 06/10/2010 — Cekk ta' €676.00 mill-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi li jirraprezentaw surplus ta' €100,000 bhala proporzjon ghan-numru ta' tickets li hargu l-gwardjani lokali u l-pulizja bejn l-1 ta' April 2010 u t-30 ta' Settembru 2010.

6.128. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6134/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-flus ghandhom jintuzaw ghal waqt iz-zjara tal-President fil-lokal flimkien ma' ohrajn mill-voti tal-Kunsill sa massimu ta' €700.00.

6.129. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.130. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6101/10/I** 05/10/2010 — E-mail minghand is-Sur Jorgen Sviden mill-ECAD fejn informa lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ta' l-ECAD ser issir f'Cork Ireland bejn it-3 u l-4 ta' Frar 2011 u l-konferenza ser issir f'Varna fil-Bulgarija bejn il-11 u l-14 ta' Mejju 2011.

6.131. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6101/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinghata l-permess tal-Kunsill sabiex ikun jista' jirraprezenta lill-Pembroke fil-laqgha li ser issir f'Cork. Il-kelliem qal li huwa personalment kien ser ihallas l-ispejjez kollha.

6.132. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.133. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6102/10/I** 05/10/2010 — E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittri li baghat il-Kunsill dwar uzu ta' fondi ring fenced qed jawtorizzaw lill-Kunsill sabiex juza l-fondi tat-toroq ghall-qlugh ta' 8 palmiet u biex isiru tabelli tal-konkos bl-ismijiet ta' toroq u talbu sabiex il-Kunsill jibghat stima ta' tabelli u rendikont.

6.134. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6102/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg works order ghall-palmi li hemm fic-centre strip ta' Triq Patri Indri Vella. Rigward it-tabelli tal-konkos il-kelliem qal li l-Kunsill diga ghandu stima minghand il-J&K Contractors. Il-kelliem qal ukoll li la l-Kunsill ghandu l-forma, il-Kunsill jista' jitlob stima ukoll lill-handyman li ghandu l-Kunsill.

6.135. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.136. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.137. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa gie mitlub mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jinforma lill-Kunsill li l-awtorizzazzjoni tad-

Dipartiment vis-a-vis il-palm tikkoncerna l-qlugh u mhux il-qtugh u ghalhekk jekk dawn ma jinqalghux wara l-Kunsill huwa kostrett li ma japprovax il-pagament.

6.138. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jitlob lid-Dipartiment li dak li qalulu verbali jintbaghat bil-kitba.

6.139. Is-Sindku Joe Zammit qal li hemm 22 palma ohra nfettata u ghandu jintalab il-permess ghall-uzu tal-fondi ring fenced.

6.140. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ma jarax ghala d-Dipartiment qed jidhol f'dan id-dettal apparti li talab li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghandu jigi mistoqsi ghala dawn ghandhom jinqalghu u mhux jinqatghu bhal ma' qed jaghmel id-Dipartiment koncernat stess.

6.141. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6109/10/I** 05/10/2010 Reminder ghal Memo 126/2010 - Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund.

**46/6214/10/I** 07/10/2010 Reminder mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghal Memo 126/2010 - Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund fejn talbet biex l-attivitajiet isiru bejn id-19 u l-21 ta' Novembru 2010 u mhux f'granet ohra.

6.142. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6109/10/I u 46/6214/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghalkemm il-Kunsill ma setax jorganizza attivita' fil-jiem indikata, ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Community Chest Fund sabiex jitqassam leaflet lir-residenti li l-Kunsilliera ser ikunu qed iduru fid-djar tar-residenti jigbru fondi ghall-Community Chest Fund f'gurnata jew tnejn li jkun hemm qbil dwarhom.

6.143. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.144. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6110/10/O** **46/6125/10/O** 05/10/2010 Kopja ta' e-mail li l-Kunsill baghat lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat ghall-kummenti taghha, qabel tintbaghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ghandu bzonn risposta cara ta' iva jew le minhabba li l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat wara l-laqgha tal-bierah qed tinsisti li tinghata kopja digitali tar-recording tal-laqgha.

6.145. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6110/10/O u 46/6125/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li m'hemmx aktar kummenti x'isiru fuq dan il-punt.

6.146. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-email li qed issir riferenza ghaliha qatt ma kienet intbaghtet lid-Dipartiment minhabba l-fatt li qatt ma giet approvata mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

**46/6136/10/I** 06/10/2010 Ittra mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill lill-Ministru George Pullicino rigward il-Kalata tal-Bocci f'Pembroke nformaw lill-Kunsill li ser jghaddi l-ilment tal-Kunsill lill-MEPA sabiex tittiehed l-azzjoni mehtiega.

6.147. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6136/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rapprezentant tal-grupp dilettanti tal-Bocci kien gie nfurmat b'din l-ittra.

**46/6166/10/I** 07/10/2010 Ittra minghand Bird Breeders Accociation jinfurmaw lill-Kunsill l'accettaw li jorganizzaw ghan-nom tal-Kunsill il-Wirja ta' Ghasafar u Pappagalli. Ghal

dan is-servizz qed jitolbu l-hlas ta’ € 300.00.

6.148. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6166/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta din l-offerta ta’ servizz. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jikri s-sala tal-Knisja ghall-prezz ta’ €475.00 kif ukoll li jinxtraw trofej minghand il-kumpanija Sports Experience ghall-partecipanti.

6.149. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.150. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6167/10/I** 07/10/2010 Ittra minghand Koptasin jinfurmaw lill-Kunsill l’accettaw li l-kuntratt taz-Zamma u Manutenzjoni tat-Tabelli tat-Traffiku jigi estiz ghal sena ohra.

6.151. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6167/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6200/10/I** 07/10/2010 Ittra minghand il-MEPA jinfurmaw lill-Kunsill li hemm proposta sabiex jigi emendat in-NHLP sabiex Sit E dedikat ghall-Blokki ta’ Housing fi Triq Suffolk ghandu jinkludi ukoll ghall-bini ta’ Ambaxxata kif ukoll upgrading tal-Junction ma’ Triq Sant’Andrija ghal gewwa San Patrizju. Infurmaw lill-Kunsill li jircievu kummenti sat-23 ta’ Ottubru 2010.

**46/6285/10/I** 11/10/2010 Artiklu li deher fuq il-Malta Today dwar il-bini ta' l-Ambaxxata Ciniza f'Pembroke.

6.152. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6200/10/I u 46/6285/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward l-upgrade tat-triq fil-gimghat li ghaddew saret laqgha mal-Periti tat-TM u l-Kunsill ressaq it-talba biex din it-triq tinghaqad ma’ ta’ hdejn l-Australia Hall halli Pembroke ikollu dhul/hrug iehor. Rigward il-bini ta’ l-Ambaxxata l-kelliem qal li din ser issir minflok il-housing u l-Kunsill diga kien informa lir-residenti b’dan. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ladarba l-Gvern jikkonkludi x-xiri ta’ l-art mal-Gvern Ciniz, il-Kunsill jitlob laqgha biex il-bini jkun imdawwar b’gonna u fl-istess hin isiru gonna ohrajn ghat-tgawdija tal-pubbliku.

6.153. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.154. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6202/10/O** 07/10/2010 E-mail li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-membri kollha tal-Kunsill jinfurmhom li hemm xi kompjuters li jintuzaw mill-pubbliku li ghandhom xi problemi u talab direzzjoni.

**46/6280/10/I** 11/10/2010 Kwotazzjoni minghand is-Sur David Zammit ghal service u formatting ta' 7 kompjuters ghall-prezz ta' €150.50.

6.155. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6202/10/O u 46/6280/10/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien ikkomunika mas-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fuq dan u t-tnejn talbu li tingieb kwotazzjoni minghand is-sur David Zammit kif fil-fatt sar.

6.156. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l’isir dan ix-xoghol skond il-kwotazzjoni sottomessa.

6.157. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.158. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6207/10/I** 07/10/2010 Ittra minghand Dr. Mark Bugeja jinforma lill-Kunsill li accetta li jipprovdi s-servizz ta’ tabib on call sabiex jintbaghat lill-impjegati meta dawn

jirrapurtaw sick. Il-prezz huwa ta' €25 u l-hlas isir fi zmien gimghatejn minn meta nircievu r-request for payment.

6.159. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6207/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jirrizulta li Dr. Mark Bugeja accetta t-talba tal-Kunsill u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel uzu mis-servizzi tieghu. Il-kelliem ippropona ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jinforma lill-impjegati biex meta jkunu sick, inkluz huwa, ghandhom icemplu lill-Kunsill sat-8.15am u wara ikun infurmat Dr. Bugeja sat-8.30am. Il-kelliem qal li Dr. Bugeja ghandu jinghata l-indirizzi ta' l-impjegati u wara jibghat rapport lill-Kunsill.

6.160. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.161. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.162. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera ghall-kaz ta' l-gharghar u l-maltemp li kien hemm nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru fejn l-iskrivana Kirsty Rizzo waslet tard. Il-kelliem talab direzzjoni minghand il-Kunsill dwar jekk f'kazijiet simili l-impjegati huwiex ser jintalab li jnaqqas il-hin mill-vacation leave tieghu jew jinghata leave specjali bi hlas kif ser jigri fin-nies kollha li jahdmu mac-civil, u dan skond stqarrija li hareg il-Kap tac-Civil.

6.163. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jimxi ma' l-ezempju li ser jaghmel il-Gvern u ghalhekk jekk il-hin huwa anqas minn 4 sieghat dan ghandu jitqies bhala leave specjali.

6.164. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.165. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6218/10/I** 08/10/2010 — Ittra minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke jinfurmaw lill-Kunsill li l-laqgha ta' l-Ghaqda li jmiss se tkun nhar il-Hamis 28 ta' Ottubru 2010 fis-6.00pm.

6.166. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6218/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.167. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din giet ikkancellata.

**46/6233/10/I** 08/10/2010 — Ittra minghand Ms. Desiree tilmenta li l-kuntrattur tal-gbir ta' l-iskart kien abbuza mill-gentilezza taghha meta talaba thallas ghall-hsara li gratlu fit-trakk meta mill-ircevuti li provdilha qed tghid li jirrizulta li l-hsara giet irrangata qabel effetivament allega li l-hsara grat minhabba fiha.

6.168. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6233/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sinjura tigi nfurmata li l-kwistjoni hija personali mal-Kuntrattur u ghalhekk ghandha tigi solvuta bejniethom.

6.169. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.170. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6238/10/I** 08/10/2010 — Ittra minghand l-artist Ray Spiteri jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex jigbor xi blat mill-lokal halli juzah fl-arti tieghu u jippromwovi lil Pembroke fuq din il-gebla.

6.171. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6238/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba tieghu biex jiehu minn dan il-gebel/blat kbir li kien tqatta' meta sar il-bini tal-housing BDA/Home Ownership.

6.172. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.173. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6241/10/I** 08/10/2010 Ittra minghand il-Kap tac-Centru tax-Xjenza f'Pembroke jitlob l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jitnaddaf is-sit li hemm bejn ic-Centru u l-Melita FC.

6.174. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6241/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur kien gie nfurmat b'dan.

6.175. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kellu komunikat mal-Kap ta' l-Iskola fejn dan gie nfurmat li l-Kunsill huwa responsabbli mill-partijiet pubblici biss.

**46/6246/10/I** 08/10/2010 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinfurmaw lill-Kunsill li ma jaghmilx sens li min jitlef lapel pin li tkun inghata bhala rigal jitlob ohra. Dwar l-identita' ta' min jibghat ilment lid-Dipartiment, id-Dipartiment qal li m'huwiex etiku li tigi zvelata l-identita'.

6.176. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6246/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6250/10/I** 11/10/2010 Kwotazzjoni minghand l-STC ghall-uzu ta' kamra mill-bini taghhom ghall-konferenza li ser issir bejn is-16 u 17 ta' Dicembru 2010 ghall-prezz ta' €510.35.

6.177. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6250/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-laqghat tal-progett MED ghandhom isiru f'Pembroke u li ghaldaqstant ghandu jsir uzu mis-sala u l-facilitajiet ta' l-STC bil-prezz ikkwotat.

6.178. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.179. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.180. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li huwa mportanti li l-Kunsill izomm f'mohhu li l-Kunsill m'ghandux vot ghal dan il-progett apparti li skond l-FTZ il-Kunsill irid ikollu somma sostanzjali ta' flus ta' madwar € 40,000.00 tul is-sena d-diehla sabiex ikun jista' jimmanigja dan il-progett. Il-kelliem qal li dan kien intqal mis-Sur Lawrence Attard ta' l-FTZ waqt laqgha fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

6.181. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-FTZ dwar kif ser jigu ffinanzjata dawn iz-zewg progetti tal-MED u wara mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.182. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.183. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6140/10/I** 06/10/2010 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn informa lill-Kunsill li jaqbel li jigu ordnati letterheads A5 fuq karta riciklata.

**46/6255/10/O** **46/6256/10/I** 11/10/2010 E-mail lis-Sindku Joe Zammit bil-prezzijiet tal-letterheads A5 u r-risposta tieghu illi huwa jaqbel li jigu ordnati 2,000 letterhead A5.

6.184. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6140/10/I, 46/6255/10/O u 46/6256/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna 5,000 letterheads A5 fuq karta riciklata minhabba li l-prezz huwa aktar vijabbli milli jigu ordnata 2,000. **(Ara dokument P)**

6.185. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.186. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6268/10/I** 11/10/2010 Memo 128/2010 - Tahrig ghall-impjegati tal-libreriji Pubblici. Hlas ghal dan huwa ta' €60. Gheluq ta' l-applikazzjoni sa mhux aktar tard mit-22 ta' Ottubru 2010.

6.187. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6268/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jiffinanzja dan il-kors lill-librara kif ukoll li l-librara tigi nfurmata li jekk kemm il-darba titlaq qabel iz-zmien, hija tkun trid thallas ghal dan il-kors.

6.188. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.189. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6289/10/I** 11/10/2010 E-mail minghand id-Direttorat ghas-Sahha Ambjentali fejn informa lill-Kunsill li fil-prezent qed jinvestiga lment dwar akkumular ta' skart fi Plot fi Triq Patri Indri Vella u talab l-ghajnuna tal-Kunsill biex jigi solvut l-ilment minhabba s-sahha tar-residenti ta' din it-triq.

**46/6311/10/I** 11/10/2010 E-mail minghand l-Avukat Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill rigward l-akkumular ta' skart fi Plot fi Triq Patri Indri Vella talab lill-Kunsill jiccekja mal-land registry jekk ikollhomx id-dettalji tas-sid.

**46/6491/10/I** 19/10/2010 Risposta minghand l-Avukat tal-Kunsill jinforma lill-Kunsill li biex issir ricerka dwar sid ta' art li hemm vojta fi Triq Patri Indri Vella, ghandu jitqabbad Nutar.

6.190. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6289/10/I, 46/6311/10/I u 46/6491/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien talab il-parir legali ta' l-Avukat dwar dan il-kaz. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment sabiex jikkomunika mad-Dipartiment ta' l-Artijiet jew ma' l-Awtorita' tad-Djar dwar min huwa sid l-art.

6.191. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.192. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6302/10/I** 12/10/2010 Ittra minghand l-OPAL fejn informa lill-Kunsill li l-garanzija bankarja ta' €1,230 ma gietx imgedda u talab biex nibaghtu l-originali lill-bank.

6.193. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6302/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa ta' dispjacir li dan huwa rizultat tad-dewmien biex is-smiegh tal-appell jinqata' fi zmien ragunevoli. Il-kelliem talab li jigi nfurmat l-avukat jekk issa la darba l-OPAL irtira il-garanzija bankarja, jigifieri tilef id-dritt ghax-xoghol tal-kuntratt u allura l-Kunsill jista' jghaddi ghat-tieni kuntrattur.

6.194. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-parir ta' l-Avukat kien diga wasal ghand il-Kunsill u sta ghall-Kunsill jekk jaccettax it-talba ta' OPAL jew le. **(Ara dokument Q)**

6.195. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha urgenti ma' l-Avukat.

6.196. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li huwa ma jarax ghala ghandu jitla' jixhed.

6.197. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6314/10/O** 12/10/2010 Draft ta' ittra li l-Kunsill baghat lill-Kunsilliera ghall-approvazzjoni sabiex tintbaghat lill-Ambaxxatur Taljan.

6.198. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6314/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif deciz aktar qabel.

**46/6323/10/I** 12/10/2010 Kopja ta' l-e-mail li rcievew l-AKL minghand Touring Club Malta fejn qed jistaqsu lill-Kunsilli jekk ghandhomx sit sabiex jintuza ghall-Muzew u qed jistaqsu lir-residenti jekk ghandhomx xi affarijiet antiki li ghandhom x'jaqsmu ma' vetturi kif ukoll xi ritratti.

6.199. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6323/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lil Touring Malta biex jindikaw huma f’Pembroke fejn hemm li jista’ jaqdi l-bzonnijiet taghhom.

6.200. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.201. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6325/10/I** 12/10/2010 E-mail minghand it-Traffic Managment Unit b'riferenza ghall-ittra li baghtna dwar laqgha mar-residenti biex jispjegaw il-proposta li kienet giet accettata mit-TM rigward l-immanigjar ta' traffiku fejn l-iskola primarja. Infurmat lill-Kunsill li bhala TM ga baghtu l-proposta taghhom ghaz-zona u jekk il-Kunsill ghadu xi proposti ohra irid jerga’ jaghmel it-talba. Infurmatna li f’dawk il-hinijiet ma jkunux jistghu jiltaqghu man-nies.

6.202. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6325/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha b’urgenza ma’ TM fejn il-Kunsill jibqa’ jinsisti biex it-talba biex ir-residenti jinghataw id-dritt jidhlu fit-toroq indikati one way flow l-isfel. Fl-istess hin ippropona l’isiru l-linji tal-parking u kantunieri u tabelli fejn jindikaw il-hin specjalment fejn hemm il-parking bays tal-vannijiet u coaches inkluz li jkun hemm tibdil fil-hinijiet. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu ukoll jitlob konferma minghand il-Kap ta’ l-iskola bil-hinijiet indikata u wara tintbghat ghall-approvazzjoni ta’ TM.

6.203. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ghandha xorta ssir laqgha mar-residenti koncernata.

6.204. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.205. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-tabelli bil-hinijiet tal-coaches ser jigu ordnati wara li jigu kkonfermata l-hinijiet u approvati minn TM.

**46/6327/10/I** 12/10/2010 E-mail minghand Dr. Mario Costa fejn informa lill-Kunsill li zabar is-sigra li kienet qed tghatti l-isem ta' triq kif ukoll informa lill-Kunsill li t-tabella hija msadda kollha.

6.206. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6327/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna din it-tabella gdida kif ukoll li jittiehdu ritratti ta’ dawk li hemm bzonn jinbidlu.

6.207. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa diga kien ikkompila rapport li jidher li ma ttiehdetx konsiderazzjoni tieghu.

6.208. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku.

6.209. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6391/10/I** 13/10/2010 E-mail minghand il-Perit Louis Muscat fejn informa lill-Kunsill li l-Perit Mario Scicluna ghamel komunikat mieghu u nformah li mhux ser ikomplu bil-progett ta' parkegg minhabba li se jaghmlu biss x-xoghol approvat mill-MEPA u qed jistaqsi jekk il-Kunsill jistax japplika mal-MEPA ghall-parkegg

propost.

6.210. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6391/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li mmedjatament kien ikkomunika ma' l-Onor. Francis Zammit Dimech b'dan u gie mfakkar fil-promessa li kienu accettaw tal-Enemalta li bhala sens socjali jaghmlu dan ix-xoghol. Il-kelliem qal li l-Onor. Zammit Dimech kien infurmah lura li ser jiehu hsieb dan il-kaz.

**46/6399/10/I** 13/10/2010 E-mail minghand is-sur Simon Cutajar fejn informa lill-Kunsill li ma jaccettax li jaghti s-servizz tieghu bhala librar mal-Kunsill.

6.211. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6399/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6405/10/O** 13/10/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lis-sur Eric Saliba fejn baghat konferma tal-laqgha li ser issir nhar l-Erbgha 20 ta' Ottubru fil-5.30pm gewwa l-Kunsill dwar il-kors baziku tal-Malti.

6.212. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6405/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera nkluz li l-laqgha saret diga.

**46/6408/10/I** 14/10/2010 Ittra minghand Pembroke Scout Group fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill informaw lill-Kunsill li jaccettaw li joffru s-servizz taghhom waqt iz-zjara tal-President fil-lokal.

6.213. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6408/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6412/10/I** 14/10/2010 E-mail minghand is-sur Colin Debattista fejn informa lill-Kunsill li ghadu nteressat fil-post ta' librar izda ghadu kif gie nfurmat li harget applikazzjoni ghall-post ta' librar mal-Kunsill tal-Gudja u se japplika ghaliha u f'kaz li jintaghzel jippreferi li jmur hemm minhabba ragunijiet ta' distanza.

6.214. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6412/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan kien gie skwalifikat.

**46/6415/10/I** 14/10/2010 E-mail minghand l-ETC fejn informaw lill-Kunsill li l-partecipazzjoni tal-Kunsill fl-iskema xoghol fil-komunita' tas-sur Raymond Alison giet estiza ghal sitt xhur ohra b'sehh minn nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2010.

6.215. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6415/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli irrimarka li jidher li s-sur Raymond Alison mhux kuntent jahdem mal-Kunsill. Il-kelliem qal li r-relazzjoni tieghu mieghu u mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat mhux wahda favorevoli u ma jistmax tajjeb lill-Kunsill. Il-kelliem ghalhekk ippropona li minhabba dawn l-attegjamenti ihoss u jkun tajjeb jekk din il-persuna jinbidel ma haddiehor u ghalhekk jigi mitlub jirritorna lura lejn l-ETC.

6.216. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.217. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6416/10/O** 14/10/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat ghall-approvazzjoni ta' Internal Memo dwar il-laqgha li saret ma' l-FTZ.

6.218. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6416/10/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaccetta l-proposti l'issemmew fl-imsemmija laqgha.

6.219. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.220. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6421/10/O** 14/10/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Kunsilliera fejn infurmhom li giet avvicinata s-Sinjura Daniela Muscat li giet it-tielet post fl-intervisti tal-librar u ser tikkomunika mal-Kunsill jekk taccettax il-post minhabba li qed tivverifika mad-Dipartiment tal-VAT.

6.221. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6421/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li anke din il-persuna kienet giet skwalifikata.

**46/6428/10/I** 14/10/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li hemm numru ta' Kunsilli li m'humiex qed ipoggu l-minuti on line u lanqas l-iskeda ta' pagamenti u talbu sabiex dawk il-Kunsilli jaggornaw il-website minhabba li ser jittiehdu l-mizuri necessarji jekk ma jsirx dan.

6.222. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6428/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jiehu nota ta' dan u jara kollox ikun kif suppost u up-to-date.

6.223. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-informazzjoni mitluba dejjem giet provduta u uploaded kif mitlub.

**46/6432/10/I** 14/10/2010 Memo 136/2010 - Komunikazzjoni mal-MEUSAC.

6.224. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6432/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6458/10/I** 15/10/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbu sabiex il-Kunsill jaghmel l-emendi annessa ghall-Bye Law dwar Korsijiet, Attivitajiet u Hargiet u nibghatuhom lura lilha.

**46/6457/10/I** 15/10/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbu naghmlu l-emendi annessa ghall-Bye Law dwar reklamar fuq ghamara tat-Toroq u nibghatuhom lura lilha.

**46/6462/10/I** 15/10/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbu sabiex il-Kunsill jaghmel l-emendi annessa ghall-Bye Law dwar Pubblikazzjonijiet u Souvenirs u nibghatuhom lura lilha.

**46/6463/10/O** 15/10/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bl-emendi ghall-Bye Law dwar Korsijiet, Attivitajiet u Hargiet kif mitlub.

**46/6464/10/O** 15/10/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bl-emendi ghall-Bye Law dwar Reklami fuq Ghamara ta' Toroq kif mitlub.

**46/6465/10/O** 15/10/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bl-emendi ghall-Bye Law dwar Pubblikazzjonijiet u Souvenirs kif mitlub.

6.225. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6458/10/I, 46/6457/10/I, 46/6462/10/I, 46/6463/10/O, 46/6464/10/O u 46/6465/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara li jigu approvata, il-Kunsill irid jinforma lill-President tar-Regjun b'dawn il-Bye Laws biex jiddahlu fil-policies tal-Kumitat tar-Regjun. Il-kelliem qal l'intant is-sur David Soler inhatar bhala Agent Segretarju Ezekuttiv tal-Kumitat Regjonali tat-Tramuntana.

**46/6470/10/I** 18/10/2010 E-mail minghand il-Pulizija Sezzjoni Kontra Droga jitolbu laqgha ghax-xahar ta' Ottubru u Novembru.

6.226. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6470/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.227. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa meta ser issir din il-laqgha, dejjem jekk hemm il-htiega.

6.228. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din issir f'data li tithabbar aktar tard.

6.229. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.230. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6479/10/I** 18/10/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghal Memo 95/2010 dwar skemi inizjattivi attivitajiet 2011 informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni giet maghzula u ser issir laqgha nhar il-Gimgha 22 ta' Ottubru fl-4pm qabel il-laqgha tas-Sindki biex tinghata aktar informazzjoni.

6.231. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6479/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien attenda ghal din il-laqgha qabel bdiet il-laqgha tas-Sindki fejn qal li l-MTA infurmawhom li kienu ser jaghmlu laqghat ma' kull Kunsill Lokali biex jispjegaw ahjar il-programm kif ukoll aktar il-quddiem il-Kunsill jigi nfurmat b'kemm ser tkun l-allokazzjoni finanzjarja approvata.

**46/6485/10/I** 19/10/2010 E-mail minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsilliera li qed jippreparaw ghas-sezzjoni plenarja nhar l-20 ta' Novembru u biex jiehdu nota ta' din.

6.232. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6485/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.233. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-membri tal-Kunsill min kien ser jattendi minnhom halli jkun jista' jsir il-hlas.

6.234. Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat qalu li ser jattendu filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma jistax jattendi.

**46/6508/10/I** 20/10/2010 E-mail minghand Ms. Jacqueline Sciberras tinforma lill-Kunsill li qed taccetta li taghti s-servizz ta' Librara.

6.235. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6508/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghzel lis-Sinjura Jacqueline Sciberras ghall-post ta' librara kif ukoll li l-ftehim ghas-servizz ta' librara mas-sinjura Sciberras ghandu jkun ghall-perjodu ta' sena kif ukoll li din ghandha tibda kemm jista' jkun malajr. **(Ara dokument R)**

6.236. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.237. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6513/10/I** 20/10/2010 Ittra minghand id-Dipartiment tas-Sahha jinfurmaw lill-Kunsill li l-injezzjonijiet ta' kontra l-influwenza jistghu jibdew jinghataw wara l-25 ta' Ottubru u ghalhekk talbu li tigi ffissata data sabiex isiru l-arrangamenti mehtiega.

6.238. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6513/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-injezzjonijiet ta' l-influwenza jinghataw nhar il-Hamis 4 ta' Novembru bejn id-9.30am u s-1.00pm u l-Gimgha 5 ta' Novembru 2010 bejn l-4.00pm u s-7.00pm.

6.239. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.240. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6519/10/I** 20/10/2010 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tirrakkomanda li l-hinijiet tal-librerija ta' nhar ta' Sibt ghandhom jergghu jigu ghal li kienu qabel.

6.241. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6519/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-hinijiet tal-librerija ghandhom jibqghu kif kienu qabel jigifieri nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis bejn is-6.00pm u t-8.00pm u nhar ta' Sibt bejn il-11.30am u s-1.30pm. Dwar is-Sibt il-kelliem qal li dan ma jistax jinbidel minhabba l-fatt li jista' jaghti l-kaz li jkun hemm kors fil-hin ta' filghodu.

6.242. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.243. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6532/10/I** 20/10/2010 Ittra minghand Pembroke Athleta Sports Club jitolbu lill-Kunsill sabiex jinzammu nfurmata dwar meta ser isir ix-xogħol li kien miftiehem mal-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll sabiex jithaffef il-pass dwar il-permessi li hemm bzonn jintalbu lill-MEPA.

6.244. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6532/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ittra saret mill-ewwel u ntbaghtet lil min kien koncernat.

## 7. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsilliera ghall-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-LES.

## 8. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li bhal ma sar fil-passat il-Kunsill jorganizza laqgha socjali ghall-anzjani nhar l-20 ta' Dicembru 2010 wara s-6.30pm fis-sala tal-Knisja fejn il-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-lukandi tal-vicin, jorganizza attivita' ghat-tfal nhar is-27 ta' Dicembru 2010 filghodu fejn ghas-spejjez tat-tfal jittiehdu jaraw film fic-cinema u nhar l-14 ta' Dicembru 2010 filghaxija jitqassmu rigali permezz tal-Christmas Father lit-tfal tal-lokal wara li jkunu l-istess genituri taghhom li jissupplixxuhom lill-Kunsill.

8.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Rapport Finanzjarju Lulju – Settembru 2010.

9.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju ghall-perjodu Lulju - Settembru 2010. **(Ara dokument S)**

9.02 Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien sar hafna hin.

9.03 Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ir-rapport jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

9.04 Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li suppost dan id-dokument jintbaghat sa nofs Ottubru u ghalhekk il-Kunsill diga kien qieghed tard.

## 10. Kwotazzjoni 15, 20 u 21/2010 u tender 03/2010.

10.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill ghall-Internal Memo 15/2010, 87/2010 u 93/2010.

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jissospendi l-laqgha halli jkun jista' jiltaqa' l-Bord ta' Ghazla.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. ***Il-laqgha giet sospiza fid-9.05pm.***

10.06. ***Il-laqgha tkompliet fid-9.15pm.***

10.07. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal dak li kien qal fil-bidu tal-laqgha kif ukoll informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li dwar il-**Kwotazzjoni 15/2010 – Servizz ta' Accountant** il-Kunsill jaghzel l-offerta tas-Sinjura **Romina Perici Ferrante ghall-prezz ta' € 2,040.00 fis-sena abbazi li l-offerta taghha hija l-aktar wahda vantagguza**.

10.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda ghax qal li skond is-Sindku Joe Zammit dan irid isir bilfors.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li dwar il-**Kwotazzjoni 20/2010 – Christmas Street Decorative Lighting** il-Kunsill jaghzel l-offerta ta' **Stella Maris Band Club Sliema ghall-prezz ta' € 1,416.00 kif ukoll li l-Kunsill ihallas ghall-installazzjoni temporanja lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-prezz ta' € 260.00**.

10.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.13. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li dwar il-**Kwotazzjoni 21/2010 – Fire proof deposit safe** il-Kunsill jiddiskuti din l-offerta fil-laqgha li jmiss.

10.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.16. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li dwar **Tender 03/2010 – Tender for the Upkeep & Maintenance of Road Markings** il-Kunsill jaghzel l-offerta tal-**Koperattiva Koptasin**.

10.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument T)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif pprezentata.

11.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament ghajr ghall-kont 363 ta' Mica Med Ltd ghall-prezz ta' €1,466.33 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw kontra u s-Sindku Joe Zammit vvota favur. Dan il-kont ma giex approvat.

11.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa x'ser jinghad lill-kuntrattur ladarba l-Kunsill m'approvax il-ħlas.

11.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li x-xoghol kien sar u kulhadd seta' jarah.

11.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din id-diskussjoni ghandha tithalla ghall-laqgha li jmiss fil-prezenza tal-Kunsillieri l-ohra.

11.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Perit Kevin Fsadni sabiex dan jaghti spjegazzjoni lill-Kunsill tax-xoghlijiet pendenti u fejn waslu.

12.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jizdied b'25 metru ohra id-double yellow line li hemm mal-kantuniera tal-bankina ta' faccata ta' plot 204 fi Triq Tunis minhabba li t-triq tidjieq hafna l-isfel u r-residenti ta' dawn id-djar ma jkunux jistghu johorgu mill-garaxxijiet f'kaz t'emergenza.

12.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ghal dan ix-xoghol hemm bzonn l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

12.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li dan ghandu jsir wara li jingieb il-permess ta' TM.

12.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ilmentat li hasset li c-cirkulari li hareg il-Kunsill vis-a-vis it-Taghlim ta' Muzika bla hlas mas-Socjeta' Filarmonika Stella Maris hija diskriminazzjoni politika kontra taghha minhabba li thalla d-dikasteru taghha barra u tnizzel dak tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li m'ghandux x'jaqsam minhabba li hija thoss li din attivita' kulturali/edukattiva.

12.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li jassigura lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li dan sar bi zvista u talab ghal aktar attenzjoni sabiex darb'ohra meta ssir korrezzjoni ta' xi haga li tkun diga giet iccirkulata lill-membri tal-Kunsill ghandha terga' tigi ccirkolata.

12.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fuq dan il-kaz huwa kien mexa fuq l-istruzzjonijiet tas-Sindku Joe Zammit fejn kien intalab sabiex jiprintja l-flyer kif emendat minnu wara komunikat mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u qatt m'intalab li jerga' jiccirkolah.

12.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk humiex ser jinxtraw bnadar tal-EU, Pembroke Town u Pembroke Dock minhabba li l-Kunsill m'ghandux in stock.

12.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn jinxtraw ta' daqs izghar ta' 1mtr * 1.5 mtrs.

12.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li kien ser jordna wahda ta' Pembroke ukoll ta' dak il-qies.

12.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill sabiex isiru programmi dettaljata konnessa mal-Konferenza tal-MED li ser issir bejn il-15 u s-17 ta' Dicembru 2010 u l-attivita' ta' Town Twinning li ser issir bejn is-7 u t-12 ta' Dicembru 2010 minhabba li zmien jinsab ferm qrib.

12.17. Dwar il-progett tal-MED, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li dan diga kien gie diskuss ma' l-FTZ u ghandu jkun prezentat fil-futur qarib.

12.18. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-membi tal-Kunsill sabiex jiehdu nota.

12.19. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel riferenza ghall-Internal Memo 91/2010 fejn informa lill-Kunsill li apparti t-tabelli ndikata fil-jiem li ghaddew kienu saru lmenti ukoll dwar tabella nieqsa bl-isem Triq Pietru D'Armenia u Bus Stops fi Triq il-Profs Walter Ganado, Triq il-Mediterran u Misrah il-Paci.

12.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li dawn it-tabelli msemmija (6 b'kollox) jigu ordnata.

12.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-membri tal-Kunsill jaghmlu zjara fl-iskejjel tal-lokal kultant u ghalhekk talab li tinkiteb ittra lill-Kapijiet ta' l-iskejjel koncernata. Il-kelliem informa ukoll lill-Kunsill li l-Kap ta' l-Iskola Primarja kienet baghtet ittra lill-genituri tat-tfal li hemm hafna hmieg ma' l-akwata ta' l-iskola, izda qal li jirrizulta li dan huwa hmieg tal-klieb u mhux hmieg kif jista' jiftiehem li thalla mill-kuntrattur.

12.24. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet qed titlob li ghandhom jigu diskussa termini ta' zmien ta' meta l-avukat ghandu jaghti risposti lill-Kunsill fuq materji li jkun intalab parir ghalihom.

12.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li huwa l-Kunsill waqt laqgha li jitlob fl-ittra li tkun qed tinkiteb it-terminu sa meta jixtieq li jkollu r-risposta.

12.28. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinkera highup sabiex jinzabru l-palm ta' Triq il-Mediterran.

12.31. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.33. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat ittra lill-Awtorita' tad-Djar minhabba li gherqu l-garaxxijiet ta' Sit F.

12.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.36. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li meta jkun il-maltemp qed ikun hemm problemi dwar it-tlugh u l-inzul tal-bnadar minn ma' l-arbli li hemm quddiem il-Kunsill u dan minhabba l-fatt li min jaghmilhom jispicca mxarrab ghasra. Ghal dan il-ghan talab direzzjoni minghand il-Kunsill dwar x'ser jibda jigri meta tkun ix-xita.

12.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li meta tkun ix-xita nhar ta' Sibt dawn ma jittellghux minhabba li fl-ufficcju jkun hemm impjegata wahda filwaqt li fost il-gimgha dan ghandu jsir xorta ghax ikunu tnejn l-impjegati xoghol.

12.38. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.40. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqghat li jmiss sa l-ahhar tas-sena kienu programmati li jsiru fl-10 ta' Novembru, fl-1 u fil-15 ta' Dicembru.

12.41. Wara diskussjoni li saret fid-dawl ta' laqghat u attivitajiet li ser isiru tul Dicembru 2010, is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn jinbidlu u jsiru nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru, nhar l-Erbgha l-1 u l-Erbgha 22 ta' Dicembru 2010.

12.42. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.43. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.44. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew, wara lmenti li kien hemm li kien hemm xi hsara fil-facilitajiet sanitarji, kien ikkomunika mal-kuntrattur u dan infurmah li biex il-flushing jitwahhal fuq gewwa hemm bzonn li jinbidel ukoll it-toilet apparti li jkollhom jinqalghu xi madum ukoll.

12.45. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit qal li sakemm ma jergax ikun hemm problemi ma jarax ghala l-Kunsill ghandu jidhol fi spejjez bla bzonn.

12.46. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.55pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |